MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Numru. 1163/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**

**KONTRA**

**MARK ZAMMIT ta' 28 sena, iben Joseph u Maria Dolores nee' Aquilina, imwieled tal-Pieta' nhar il-25 ta' April, 1984, residenti fil-fond numru 129, Triq Bwieraq, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 237084M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mark Zammit** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Novembru, 2008, u fl-erba' xhur ta' qabel:

a. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh, jew iqassam, medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub tas-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat iz-zieda tal-akkuza tar-recidiva, awtorizzata bid-digriet tat-28.04.2009.

Rat il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 164).

Rat il-provi kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ispettur Victor Aquilina xehed dwar spezzjoni li kienet qieghda ssir gewwa party gewwa Gianpula Fields. Fuq il-persuna ta’ Eliot Vella nstabu 10 pilloli ecstasy. Meta gie nvestigat mill-Ufficjal Prosekutur kien qallu li dawn kien xtrahom minghand wiehed jghidulu Tivoli. Aktar tard skond l-Ispettur wera x-xewqa li jghin lill-pulizija. Mir-ricerki ta’ l-Ispettur dan Tivoli rrizulta li hu l-imputat. Dan Eliot Vella kkopera f’controlled delivery taht il-kappa tal-Maigstrat Inkwirenti. Ghalhekk l-Ispettur kien gieghel lil dan Eliot Vella jibghat messagg lil Mark Zammit, pero dan Zammit ma kienx wiegbu. Aktar tard skond l-Ispettur, dan Vella kien infurmah illi kien ircieva messagg minghand

dan Zammit. L-Ispettur kien qal lil Vella biex jibghat messagg lil Zammit biex jitolbu 25 pillola ecstasy. Xehed illi fl-24 ta' Novembru, kien hemm kuntatt bejn Vella u Zammit, fejn dan Mark Zammit kien qallu li kien iddubbalu 25 pillola. Ghalhekk l-Ispettur gieghel lil Eliot jiftiehem ma' Zammit biex jiltaqghu fis-26 ta' Novembru ghall-habta tal-4.30pm, hdejn il-mithna ta' Birkirkara (skond Eliot fejn kienu jiltaqghu s-soltu).

Fil-controlled delivery Eliot mar hdejn il-mithna ta' Birkirkara u ghamel kuntatt ma' Zammit. Hawn, ghax Eliot qallu li ma kellux flus, waqfu hdejn l-HSBC u BOV ukoll. Skondtu kien dak il-hin li Eliot ghamel kuntatt mieghu u qallu li ma setax ikellmu. Qallu biex imur hdejn il-mithna ta' Birkirkara. Ghalhekk l-Ispettur ta struzzjonijiet lin-nies tieghu biex imorru hdejn il-mithna.

Aktar tard ha stqarrija ta' l-istess imputat, li ttiehdet fis-sena 2008, minghajr allura l-assistenza legali, xorta giet uzata mid-Difiza meta xehed minn jeddu l-imputat.

Minn naha tieghu Eliot Vella ghazel illi jiggguramenta quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-istqarrija minnu rilaxxata.

F'din l-istqarrija qal illi hu kien ikkonferma li kien jixtri l-ecstasy minghand persuna go Birkirkara u li kien jiltaqa' mieghu hdejn il-mithna ta' Birkirkara. Qal illi kien jafu bhala Tivoli u li kien jismu Mark. Ta anke zewg mobile numbers ta' l-istess Mark.

Qal illi xtara l-ecstasy f'Awwissu, kien ukoll xtraha minghand l-istess persuna. Qal fl-istqarrija illi dan Mark kien qallu li t-tickets ta' Ruby kienu sold out, imma li kellu jerga' jkellmu. Qal illi dakinhar kien talbu 25 pillola ecstasy fuq struzzjonijiet li kien tah l-istess Ufficjal Prosekutur. Zied f'din l-istqarrija (guramentata) li kien cempillu u qallu li kien iddubbalu 20. Qal illi t-Tnejn, nhar l-24 ta' Novembru, 2008, kien baghtlu messagg fejn kien qallu li kellu 20 ticket ghax dawk li kien sab, ghax ma kien hawn xejn tajbin. Qal illi kien ser ihallsu €15-il wahda, allura b'kollox €300.

Zied fl-istqarrija li kif wasal hdejn il-mithna cempillu kif kien jaghmel is-soltu. Qallu li kien sejjer. Zied illi f'hames minuti mar jiltaqa' mieghu bi Sierra blu. Rikeb mieghu u saq fid-direzzjoni tal-Vodafone. Qal illi biex itawwal il-hin qallu biex iwaqqfu hdejn il-BOV, ta' l-HSBC ma kinitx tahdem. Zied illi dak il-hin cempel lill-Ispettur u qallu biex imur jippikkjah minn hdejn il-mithna. Qal illi hawn kien diga' tah il-pilloli ecstasy li kienu go borza tal-plastic li hu fetah, u tefa' bil-but. Qal illi hu mill-BOV ma gibed xejn ghax diga' kellu flus fuqu. Dan uzah bhala skuza biex icempel lill-Ispettur. Qal illi din kienet ir-raba' darba li kien xtara minghandu, cioe' minghand l-imputat. Qal illi l-ewwel darba xtara ecstasy wahda, umbaghad hamsa, umbaghad 10 (dan meta qabduh il-pulizija). Zied illi l-ewwel darba kien hallsu €12, it-tieni darba €10, u din id-darba €15.

Eliot Vella xehed quddiem din il-Qorti bil-gurament. Hawn rega' kkonferma l-istqarrija tieghu. Zied ukoll illi sakemm gew intraccati mill-pulizija hu kien diga' hallas lil Mark is-somma ta' €300.

Indika lil dak li kien jaf bhala Mark Tivoli kien l-imputat prezenti fl-Awla. Spjega li hu lil Zammit kien ilu jafu minn meta ltaqa' mieghu l-ewwel darba Numero Uno, laqqaghtu mieghu habiba tieghu minhabba l-pilloli.

Fuq suggeriment ta' l-Avukat Difensur li hu minghand l-imputat mhux pilloli kien jixtri, imma tickets, wiegeb illi kien jixtri pilloli. Qal illi ssemmiet il-kelma biljetti, ghax hu hekk kien jirreferi ghalihom. Innega li hu kien jaf li Mark kien ibiegh tickets tal-parties. Ikkonferma li kienet habibtu Tracy li kienet laqqaghtu ma' l-imputat.

Mistoqsi ghalfejn ried il-pilloli, qal illi l-incident ta' l-ahhar kien ghax jghin lill-Ispettur.

Rega' xehed in kontro ezami u qal illi kien huh Roderick li laqqghu ma' l-imputat biex jixtri l-pilloli, ecstasy. Qal illi pero, ghalkemm kien huh li kien qallu bih, Tracy kienet habiba ta' huh u li kienet Tracy li kienet qalet lil Roderick, u marru flimkien. Zied illi Tracy kienet taf lil Mark u marret tghid lil Roderick li kellu l-pilloli ecstasy. Ikkonferma li minn

dakinhar ta' l-incident fejn dahlu l-pulizija, kien iltaqa' tliet darbiet ohra ma' Mark. Qal illi kien jibaghtlu messaggi. Innega li hu kien jaf li Mark kien jaghmel xoghol ta' promoter, anzi zied illi lanqas kien jaf x'kien promoter. Xehed illi ghalkem kien imur dawn il-parties, hu kien jixtri l-biljetti jew minghand shabu jew minn hanut li kien jismu "Fact" gewwa Hal-Qormi. Innega li hu qatt xtara biljetti minghand Mark. Qal illi hu ma kienx jaf li Mark kellu l-biljetti, li kien jaf li kellu l-pilloli. Qal illi meta xtara l-pilloli, xtrahom ghalih, kienet l-ahhar darba (ghalina tal-controlled delivery) li ma kinitx ghalih. Ikkonferma li hu xtara erba' darbiet minghand Mark.

Xehdu wkoll il-pulizija li kienu nvoluti f'din il-controlled delivery u dwar il-fatt illi meta gie ntercettat Eliot Vella fuq il-controlled delivery, kien qallhom illi d-droga li kien ghaddielu waqaghtlu ftit passi 'l boghod. Giet elevata minn WPC23 Geraldine Buttigieg.

Minn naha taghha WPS 86 Diane Fenech ikkonfermat li kienet wahda milli waqqfet il-karozza Sierra blu li kien qieghed isuq l-imputat. Minn fuq Mark din elevat mobile u flus fl-ammont ta' €395.

PS 295 Gilbert Cardona wkoll involut f'din il-controlled delivery. Qal illi Eliot Vella kien ircieva struzzjonijiet minghand l-Ispettur. Kellhom iwaqqfu persuna li kellha tmur bi Sierra Ford blu hdejn il-mithna. Waslet din il-vettura b'registration number EAG448 faccata tal-mithna. Xehed illi x'hin waqqfuh Eliot harab minn gol-vettura, mar warajh u rah jarmi pakkett li gie elevat minn WPS 23.

Xehed ukoll Stephen Cachia ghan-nom ta' l-ADT li kkonferma li l-vettura EAG448 kienet registrata mill-perjodu 27 ta' Awwissu, 2008 sas-27 ta' Novembru, 2008 fuq Mark Zammit identity card number 237084M. Din kienet Ford Sierra tal-kulur blu, vide Dok SC folio 132.

Godwin Sammut minn naha tieghu ezebixxa r-relazzjoni tieghu ta' analizi tal-pilloli elevati (Dok GS folio 11 et seq) u kkonkluda li dawn fihom instabet is-sustanza methylenedioxymethamphetamine (MDMA), ikkontrollata

din taht it-Tielet Skeda, Part A, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, komunament din is-sustanza forma ta' pillola msejha ecstasy.

Illi minn naha tieghu l-imputat ghazel illi jiehu l-pedana. Ikkonferma kif gia' premess il-kontenut ta' l-istqarrija minnu rilaxxata.

Ikkonferma fiha li kien ircieva telefonata minghand Eliot biex jixtrilu ghoxrin pillola ecstasy. Ikkonferma li ltaqa' mieghu ghall-habta ta' l-4.30pm kif ukoll illi saq lejn id-direzzjoni tal-Vodafone. Ikkonferma li qallu li ma kellux flus fuqu kif ukoll illi hadu biex jigbed il-flus kemm mill-HSBC kif ukoll mill-BOV. Qallu li kienu gewh €12 u li kien ser ibieghhomlu €15 biex jaqla' xi haga. Qal illi x'hin waslu hdejn il-mithna giet karozza tas-CID. Qal illi l-iehor (Eliot ghalina) harab. Qal illi Eliot tah €300. Mistoqsi kemm-il darba xtara ecstasy minghandu Eliot, wiegeb "Naf li kont bieghejtlu l-biljetti imma ma niftakarx li bieghejtlu l-ecstasy qabel." (folio 22). Innega li kien bieghlu tliet darbiet qabel. Qal biss illi bieghlu tickets. Ikkonferma li lil Eliot kien bieghlu bi €300 pilloli, ghoxrin wahda.

Issa bil-gurament minn jeddu kkonferma l-kontenut ta' l-istqarrija, baqa' jinnega li hu kien bieghlu qabel. Qal illi Eliot mar ghandu ghat-tickets bis-sahha ta' Tracy. Qal illi lil Eliot gablu l-pilloli minghand xi hadd li kien il-Places, ghaliex Eliot kien staqsieh darbtejn ghalihom.

Xehed ghal diversi drabi John Testa, Probation Officer ta' l-istess Zammit. Dan qal dwar il-progress li kien qieghed jaghmel l-istess imputat, li kellu l-urine tests clean, u li kien qieghed izomm kuntatt regolari mieghu.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess imputat, huwa qieghed jammetti li biegh l-20 pillola ecstasy lil Eliot Vella, ad insaputa tieghu waqt controlled delivery. Ta' dawn ha s-somma ta' €300. Innega pero illi kif xehed l-istess Vella, illi huwa kien bieghlu, f'ammonti anqas, tliet darbiet qabel. Jghid illi lil Vella kien bieghlu biss biljetti qabel – fatt dan

negat minn Vella li baqa’ dejjem insistenti li minghand Zammit kien xtara b’kollox erba’ darbiet pilloli ecstasy.

Illi punt li laqghat lill-Qorti fl-ezami tax-xhieda, kif gia’ ssottolineat, kien li ta l-imputat fir-risposta tieghu, li ghazel li juza in difesa, meta wiegeb illi kien jaf li kien bieghlu l-biljetti pero ma kienx jiftakar li kien bieghlu l-ecstasy qabel. Stramba li bniedem li qieghed jinnega li qatt ma biegh ecstasy qabel ma jiftakarx jekk qatt ghamilx dan!! Fatt iehor li jissoda l-verzjoni ta’ Vella huwa li Vella kien preciz fejn kellu jiltaqa’ ma’ l-imputat, dan qal illi kien post tas-soltu, pero mhux post solitu biex tixtri biljetti ta’ party. Daqstant iehor meta rilaxxata l-istqarrija mill-ewwel stqarr li kien xtara l-pilloli misjuba fuqu minghand l-imputat, hawn kien gia’ ndikalhom li kien jiltaqa’ mieghu hdejn il-mithna. Fil-fatt allura meta saret il-controlled delivery, anke b’ammissjoni ta’ l-istess imputat, regghu ltaqghu hdejn il-mithna.

Xejn izjed m’ghandha x’izzid din il-Qorti, hlief li ssib lil Mark Zammit hati ta’ l-akkkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta; LN 22/1985; L.S. 31.18 Artikolu 5, l-Ewwel Skeda ta’ l-istess L.S. 31.18; u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta in vista’ tas-sentenza ezebita u l-esenzjoni tad-Difiza ghall-prova ta’ l-identita’.

Dwar il-piena, qieset id-diversi drabi li l-imputat biegh l-ecstasy u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn(2);

Tikkundannah ukoll ghal multa fl-ammont ta’ €3,000;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikundannah ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €659.81.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------